**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru : 218/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**SC**

**vs**

**MC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SC, datat 15 ta' Lulju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*ILLI l-partijiet iżżewġu fil-Knisja Parrokkjali ta` San Publiju l-Furjana fit-tnax (12) ta` Diċembru tas-sena elf disa mija tnejn u disgħin (1992) u dan min kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieg li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata "**Dok A**", liema żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta;*

*ILLI minn dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm wild wieħed bl-isem ta` A li llum ghandu X sena u għaldqstant huwa maġġorenni u l-ebda manteniment ma huwa dovut;*

*ILLI l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat ħamsa u għoxrin (25) ta` Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) redatt minn Nutar Dr Ian Castaldi Paris li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata "**Dok B**";*

*ILLI m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom ħafna aktar min erba (4) snin u nofs legalment u fattwalment separati minn xulxin u qegħdin jgħixu ħajja totalment separata min xulxin;*

*Illi fl-artiklu 6(h) tal-istess kuntratt ta` separazzjoni, l-mara ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment għaliha mingħand żewġha konvenut f'din il-kawża.*

*ILLI l-attriċi jidhrilha li dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Il-mara tiġi awtorizzata tirreverti għal kunjom xbubitha u cioe` V;*

3. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ntavola ebda risposta izda deher f'seduta stante tas-26 ta' Novembru 2020 u wara li l-Qorti spjegat lilu d-drittijiet legali tieghu, ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u li ma kellux oggezzjoni ghad-divorzju. (Vide Fol 20);

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-partijiet;

Rat illi l-attrici ddikjarat li ser thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri. (Vide Fol 20);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SC** xehdet bil-gurament (vide fol 21 et seqq.) illi hija zzewget lil MC fit-12 ta' Dicembru 1992 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, illum maggorenni u jahdem. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt sseparaw permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Settembru 2006 u li ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm tama tal-istess. Finalment ziedet tghid li l-manteniment tat-tifel dejjem thallas u ma hemm ebda arretrati dovuti.

**MC** xehed bil-gurament (vide fok 23 et seqq.) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Dicembru 1992, liema zwieg ghandu numru tar-registrazzjoni 2151/1992 (Vide fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel uniku li llum huwa maggorenni u ghandu impjieg;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Castaldi Paris, datat 25 ta' Settembru 2006 (vide fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta di piu' illi ma hemmx manteniment dovut.

SC talbet ukoll li tigi awtorizzata tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe' V.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg, bic-certifikat numru 2151/1992 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil SC tirriverti lura**

**ghall-kunjom xbubitha, cioe' V u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Spejjes a karigu tal-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**